31985L0509

IT-TIENI DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI
tas-6 ta' Novembru 1985
li temenda l-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 82/471/KEE li tirrigwarda ċerti prodotti użati fl-alimentazzjoni ta' l-annimali

(85/509/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 82/471/KEE tat-30 ta' Ġunju 1982 li tirrigwarda ċerti prodotti użati fl-alimentazzjoni ta' l-annimali [1], kif l-aħħar emendat bid-Direttiva tal-Kummissjoni 84/443/KEE [2], u partikolarment l-Artikolu 6 tagħha,

Billi d-Direttiva 82/471/KEE tipprovdi għall-emendament regolari tal-kontenut ta' l-Anness bir-riżultat ta' żvilupp fit-tagħrif xjentifiku u tekniku;

Billi mhux neċessarju li tiġi meħtieġa fuq it-tikketta jew fuq l-ippakkjar ta'alimenti komposti dikjarazzjoni li tgħid "prodotti sekondarji mill-produzzjoni ta' aċidu b'L-glumatiku" jew "prodotti sekondarji mill-produzzjoni tal-L-lisina" billi r-rekwiżiti l-oħra tat-tikkettjar relattivi għal dawk il-prodotti huma biżżejjed sabiex jingħarfu;

Billi studji fuq ċerti amino-aċidi urew li dawn il-prodotti jissodisfaw il-ħtiġiet tad-Direttiva 82/471/KEE u li l-użu tagħhom fl-alimenti ta' l-annimali jista' għaldaqstant ikun permess b'ċerti kondizzjonijiet;

Billi l-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma konformi mal-parir tal-Kumitat Permanenti ta' l-Alimentazzjoni ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

L-Anness tad-Direttiva 82/471/KEE qed jiġi emendat kif dikjarat fl-Anness ta' hawnhekk.

L-Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' l-Artikolu 1 mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 1986. Għandhom mill-ewwel jgħarrfu b'dan lill-Kummissjoni.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Novembru 1985.

Għall-Kummissjoni

Frans ANDRIESSEN

Viċi-President

[1] ĠU L 213, tal-21.7.1982, p. 8.
[2] ĠU L 245, ta' l-14.9.1984, p. 21.

L-ANNESS

1. Taħt il-grupp 2.3. "Prodotti sekondarji mill-produzzjoni ta' amino-aċidi mill-fermentazzjoni" fil kolonna 7 "Dispożizzjonijiet speċjali" l-ewwel inċiż taħt "Ddikjarazzjonijiet li għandhom isiru fuq it-tikketta jew fuq l-ippakkjar ta' l-alimenti komposti" għandha tiġi mħassra.

2. Taħt il-punt 3 "Amino-aċidi u l-imluħ tagħhom" il-prodotti li ġejjin huma miżjuda:

"1	2	3	4	5	6	7
Isem il-grupp tal-prodotti	Isem il-prodott	Titolu tal-prinċipju nutrittiv jew identità tal-mikro-organiżmu	Substratta' koltivazzjoni (speċifikazzjonijiet, jekk hemm)	Karatterisitiċi ta' kompożizzjoni tal-prodotti	Speċi ta' l-annimali	Dispożizzjonijiet speċjali
	3.7 L-triptofan, teknikament pur	$(C_8H_3NH)-CH_2$ — $CH(NH_2)-COOH$	—	L-triptofan 98 % minimu	Kull speċi ta' l-annimali	Dikjarazzjonijiet li għandhom isiru fuq it-tikketta jew il-pakkett tal-prodott: — l-isem: 'L-triptofan' — L-triptofan u gradi ta' l-umdità
	3.8 DL-triptofan, teknikament pur	$(C_8H_5NH)-CH_2$ — $CH(NH_2)-OOH$	—	DL-triptofan 98 % minimu	Kull speċi ta' l-annimali	Dikjarazzjonijiet li għandhom isiru fuq it-tikketta jew l-ippakkjar tal-prodott: — l-isem: 'DL-triptofan' — L-triptofan u grad ta' l-umdità"